MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1/2000/1

**Reno Schembri Wismayer**

**vs**

**Chairman tal-Bord dwr l-Ispizjara**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn decizjoni moghtija taht l-Artikolu 107 tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31, fis-16 ta' Dicembru, 1999 li permezz taghha l-Bord dwar l-

Ispizjara kien ordna li l-Ispizjar Reno Schembri Wismayer jigi sospiz ghal sena mix-xoghol ta’ spizjar u dan billi ismu jinqata’ (ghal dan il-perjodu ta’ sena) mir-Registru ta’ l-Ispizjara. L-imsemmi spizjar appella minn din id-decizjoni kif provdut fl-Artikolu 113(3) tal-Kap. 31. Qabel ma din il-Qorti tezamina *seriatim* id-diversi aggravji ta’ l-appellant Schembri Wismayer, tajjeb li jigu precizati certi punti.

L-ewwel nett il-partijiet f’din il-kawza qablu li jistriehu, bhala provi, fuq il-fotokopja tal-*file* tal-Bord ta’ l-Ispizjara li jgib in-numru PB 5/99, liema pratika gie konstatat (fl-udjenza tat-22 ta’ April, 2002) li giet allegata fl-atti tal-kawza fl-ismijiet ***Mark Causon v. Chairman tal-Bord Dwar l-Ispizjara*** (App. nru. 3/2000) – ara l-verbal ta’ l-istess data f’din il-kawza (cioe` fl-appell ta’ Schembri Wismayer), fol. 37, kif ukoll il-verbal ta’ l-udjenza tad-9 ta’ Dicembru, 2002. F’din l-ahhar udjenza, cioe` 9 ta’ Dicembru, 2002, l-abbli difensur ta’ l-appellant, Dott. Joseph Brincat, iddikjara li ghalkemm fir-rikors ta’ appell hemm referenza jew referenzi ghall-Kostituzzjoni u/jew ghall-Konvenzjoni Ewropea, huwa (cioe` l-appellant) b’ebda mod ma qed iqanqal kwistjoni li tirrigwarda riferenza izda kien qieghed semplicement jirreferi ghal dawn id-disposizzjonijiet ghall-fini ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni korretta ta’ ligijiet ohra. Dan kien tajjeb li jigi precizat peress li b’nota tat-13 ta’ Marzu, 2000 l-Avukat Dott. Tonio Azzopardi -- li ddikjara li kien qed jassumi l-partocinju ta’ l-appellat minflok l-Avukata Dott. Brigitte Gafa` -- kien indika li minhabba dawn ir-riferenzi ghall-Kostituzzjoni u ghall-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti kellha tirrinvija l-“kwistjoni” lill-Prim Awla tal-Qorti Civili bhala “referenza kostituzzjonali”.

Fit-tieni lok tajjeb li jigi osservat ukoll li l-pratika PB 5/99 tirrigwarda proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Ispizjara kemm fir-rigward tal-appellant odjern (Reno Schembri Wismayer) kif ukoll fir-rigward tal-*pharmacy technician* Mark Causon. Inoltre din il-pratika tinkludi l-proceduri (inkluza d-decizjoni tal-Bord) fir-rigward ta’ zewg inkjesti kondotti mill-imsemmi Bord: l-inkjesta li bdiet fil-konfront ta’ Schembri Wismayer

u ta' Causon fl-14 ta' Lulju, 1999[1] fuq akkuzi ta' "overcharging and not registering all medicines sold in the daily register", u inkjesta ohra, ukoll fil-konfront ta' Schembri Wismayer u Causon, li bdiet fl-20 ta' Ottubru, 1999[2] fuq akkuzi ta' "overcharging and breach of Code of Ethics". L-appell odjern huwa biss mid-decizjoni moghtija fl-ewwel inkjesta li permezz taghha, kif inghad, l-appellant gie kkundannat sena sospensjoni mix-xoghol ta' spizjar.

It-tielet punt preliminari jirrigwarda l-Artikolu li tahtu agixxa l-Bord dwar l-Ispizjara. L-Artikolu 107 jipprovdi hekk:

**Jekk wara inkjesta xierqa[3], il-Bord dwar l-Ispizjara ikun sab illi spizjar jew *pharmacy technician* –**
**(a) ikun gie dikjarat hati minn xi qorti f'Malta ta' xi delitt punibbli bil-piena ta' prigunerija ghal xi zmien li jkun izjed minn sena jew ta' xi wiehed mid-delitti msemmija fl-artikoli 198 sa 205 jew fl-artikoli 206 sa 209 tal-Kodici Kriminali, jew**
**(b) ikun hati ta' kondotta bla gieh[4] f'xi mgieba professjonali, jew**
**(c) b'xi mod iehor ikun naqas li jhares il-livelli professjonali u etici applikabbli ghalih,**
**il-Bord jista' jordna li ismu jithassar mir-registru xieraq jew li jithehha minn dak ir-registru ghal perjodu ta' mhux aktar minn sena, iwahhal multa, icanfru jew jipprovdi b'dak il-mod l-iehor li jidhirlu xieraq fic-cirkostanzi.**

Dana l-artikolu qed jigi riprodott peress li minnu jirrizulta car li l-procedura quddiem il-Bord, ghalkemm kienet wahda bazikament ta' dixxiplina, seta' jkollha, kif effettivament kellha f'dan il-kaz, konsegwenzi serji ghall-persuna indagata, u cioe` li huwa jigi prekluz milli jkompli jagixxi ta' spizjar (jew ta' *pharmacy technician*) ghal perjodu sa massimu ta' sena. Dan igib bhala konsegwenza l-htiega li l-proceduri jsiru bl-aktar mod

[1] L-avviz ta' inkjesta jgib id-data tal-5 ta' Lulju, 1999.
[2] L-avviz ta' inkjesta jgib id-data tal-15 ta' Ottubru, 1999.
[3] Fit-test Ingliz tal-ligi, l-espressjoni "inkjesta xierqa" hija tradotta bhala "due inquiry".
[4] Fit-test Ingliz tal-ligi l-espressjoni "kondotta bla gieh" hi tradotta bhala "infamous conduct".

korrett, b’osservanza tal-ligi, u, jekk mhux b’osservanza skrupluza tal-kelma tal-ligi, certament b’osservanza skrupluza tal-ispirtu tal-ligi.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant jindirizza punti procedurali. L-appellant jikkontendi, bazikament, (**1**) li ma kienx hemm il-kwerela guramentata mehtiega sabiex il-Bord ikun jista’ jibda inkjesta, (**2**) li din il-kwerela jew dikjarazzjoni guramentata ma ntbghatitx lill-indagat (cioe` lill-appellant) kif rikjest mir-regolamenti, u (**3**) li “c-Chairman lanqas staqsa lill-indagat jekk riedx jixhed imma qabdu f'idejh u kwazi ordnalu biex jirrispondi” b’mod li jirrizulta nuqqas ta’ “fair hearing”. L-appellant jghid li “mal-ewwel quddiem il-Bord [tqajjmu diversi kwistjonijiet] u dan permezz ta’ ittra tal-Avukat Dr. Hugh Peralta tal-24 ta’ Awissu, 1999 fejn ingibdet l-attenzjoni tal-Bord ghall-irregolarita` li biha kien miexi”. Dwar dan l-aggravju – jew ahjar, aggravji procedurali – din il-Qorti tosserva li huwa minnu li r-Regoli tal-Bord dwar l-Ispizjari dwar il-Procedura biex jithassru l-Ismijiet (Avviz Legali 76 tal-1969) jipprovdu dettaljatament ghall-procedura li ghandha tigi segwita mill-Bord f’inkjesta bhal dik in ezami; anzi ir-regola 3 ta’ dawn ir-regoli tipprovdi illi *“Ebda ordni ma ghandu jinghata skond l-artikoli 107 u 110 hlief minhabba* [“except in consequence of”, fit-test Ingliz] *xi inkjesta skond id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-Regoli dwar l-akkuza formulata f’avviz ta’ inkjesta notifikat skond l-imsemmija disposizzjonijiet ta’ dawn ir-Regoli lill-persuna li kontra taghha l-akkuza li tkun saret”*. Dawn ir-regoli huma intizi sabiex jassiguraw li l-indagat f’dawn il-proceduri, li, kif inghad, huma essenzjalment proceduri dixxiplinari, ikollu smigh xieraq. Fost affarijiet ohra, dawn ir-regoli jawtorizzaw lill-indagat li jkun assistit fil-kors ta’ l-inkjesta minn avukat jew prokuratur legali (regola 10); u meta jintbaghat avviz ta’ inkjesta lill-persuna indagata, ma’ l-avviz ghandha tintbaghat ukoll kopja ta’ dawn ir-Regoli (regola 5(4)).

X’inhi l-procedura li ghandha tigi segwita qabel ma jinhareg l-avviz ta’ inkjesta? Skond ir-regola 4, meta jkun hemm kwerela bil-miktub dwar il-kondotta ta’ spizjar jew *pharmacy technician*, tali kwerela *“ma ghandhiex titmexxa*

*aktar 'l quddiem kemm il-darba u sakemm ma tigix konfermata permezz ta' dikjarazzjoni bil-gurament; u kull dikjarazzjoni (a) ghandha turi l-indirizz u d-deskrizzjoni tad-dikjarant, u (b) jekk xi fatt dikjarat ma jkunx jaf bih personalment id-dikjarant, ghandha turi l-origini ta' l-informazzjoni tad-dikjarant u r-ragunijiet ghaliex jemmen li l-fatti huma veri"* (regola 4(2)). Is-sustanza tal-kwerela flimkien ma' kopja tad-dikjarazzjoni guramentata ghandhom imbaghad jintbaghtu lill-persuna li kontra taghha tkun indirizzata l-kwerela, u din tigi mitluba taghti l-ispjegazzjoni taghha bil-miktub entro terminu stabbilit (regola 4(3)). In segwitu, jekk il-Bord ma jkunx sodisfatt ghal kollox bl-ispjegazzjoni mibghuta mill-ispizjar jew *pharmacy technician*, johrog avviz ta' inkjesta, liema avviz jigi notifikat lill-persuna li kontra taghha jkun sar l-ilment. Dan l-avviz ghandu *"… (a) jispecifika fil-forma ta' akkuza jew akkuzi, il-hwejjeg li dwarhom l-inkjesta tkun ser issir, u (b) jghid id-data, il-hin u l-post li fihom l-inkjesta tkun ser issir"* (regola 5(1)). Ghandu jigi precizat, pero`, li avviz ta' inkjesta jista' jinhareg mhux biss wara kwerela kif inghad, izda anke jekk ikun hemm <u>rapport</u>, liema rapport, pero`, jrid ikun *"…gie mibghut lill-Bord minn persuna li jkollha kariga pubblika"* (regola 4(1)); u l-frazi "persuna li jkollha kariga pubblika" tfisser *"…ufficjal ta' dipartiment tal-gvern jew awtorita` pubblika li tagixxi bhala hekk, jew kull persuna li jkollha kariga gudizzjarja jew kull ufficjal li jkun allokat ma' qorti"* (regola 4(5)). <u>F'dan il-kaz ma jirrizulta li sar ebda rapport simili</u>; ghalkemm b'ittra datata 16 ta' Marzu, 1999, indirizzata lir-Registratur tal-Bord, id-Direttur Generali fid-Dipartiment tas-Sahha kien qal li kienet qed issir "investigazzjoni interna" dwar allegati abbuzi in konnessjoni ma' l-ispizerija fejn kien jahdem l-appellant u li kif ikollu "l-fatti kollha" f'idejh kien ser jghaddi kollox lill-Bord, mill-pratika PB 5/99 <u>ma jirrizultax li irrizulta xi haga lid-Dipartiment tas-Sahha, jew li sar xi rapport mill-imsemmi Dipartiment lill-Bord</u>. Kieku sar tali rapport, dan kellu jkun rapport <u>bil-miktub</u> (regola 4(1)(b)), u kellu wkoll jigi komunikat lill-persuna (spizjar jew *pharmacy technician*) koncernat biex jaghti l-ispjegazzjonijiet tieghu qabel ma jinhareg l-avviz ta' inkjesta. Kif ga inghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza, l-avviz ta' inkjesta li inhareg fil-konfront ta' l-appellant (bid-data tal-5 ta' Lulju, 1999) kien

jispecifika l-akkuzi bhala "overcharging and not registering all medicines sold in the daily register".

Minn dan kollu li ghadu kif intqal hu evidenti li l-akkuza jew akkuzi kontenuti fl-avviz ta' inkjesta ghandha tkun ibbazata jew ghandhom ikunu bbazati fuq il-kontenut tal-kwerela (jew kwereli, jekk ikun hemm aktar minn wahda) konfermata bil-gurament (jew, kieku kien hemm rapport, fuq il-kontenut tar-rapport). Issa, l-appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, jikkoncedi li kien hemm dikjarazzjoni guramentata wahda, ta' certu "S. Hill", *"…li b'ebda mod ma jitkellem fuqu nnifsu imma jitkellem fuq martu bhala l-klienta. Inoltre dan b'ebda mod ma jghid li kien "overcharged", jew li r-ricetta ma gietx registrata…"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti, wara ezami minuzjuz tal-kontenut tal-pratika (jew, ahjar, tal-fotokopja tal-pratika) ezibita PB 5/99 tikkonkludi s-segwenti:

**(a)** Ghalkemm kien hemm (*ex admissis*) kwerela wahda guramentata (ta' Hill), ma jirrizultax li din giet komunikata lill-appellant qabel ma inhareg l-avviz ta' inkjesta. L-ittra mibghuta fit-28 ta' April, 1999 mir-Registratur tal-Bord lill appellant biex dan jispjega "l-ilment" li kien ircieva l-Bord, apparti li ma taghmel ebda referenza ghall-kwerela ta' Hill jew ta' xi hadd iehor (anqas bhala "enclosed document/s" ma dik l-ittra), tirreferi ghal ilment generali illi *"…xi turisti li gew fl-Ispizerija Promenade, matul ix-xahar ta' Frar, 1999, li taghha inti* Managing Apothecary*, gew imgieghla li jaraw it-tabib u jixtru medicini, meta huma dahlu biss ghal xi ingwent jew xi Strepsils u gew iccargjati zzejjed"*. L-appellant wiegeb b'ittra datata 1 ta' Mejju, 1999, u f'din l-ittra wkoll ma hemm ebda referenza ghal xi kwerela jew dikjarazzjoni guramentata ta' Hill, fatt, dan li fil-fehma ta' din il-Qorti jikkonferma li verament din il-kwerela jew dikjarazzjoni qatt ma kienet intbaghtet lilu kif mehtieg skond ir-regola 4(3) tal-A.L. 76/69. Jidher, pjuttost, li l-ittra tar-Registratur kienet qed tirreferi b'mod generali ghall-kontenut ta' diversi dokumenti mibghuta (jew lir-Registratur jew lid-Dipartiment tas-Sahha – dan mhux car

mill-pratika) minn *The Times*[5]. Fost dawn id-dokumenti hemm ittra bl-idejn (li ma tidhirx li hi guramentata) iffirmata "S. Hill M.B.E." u maghha hemm ukoll ricevuta (mhux fiskali) jew *invoice* intestata "Kathleen Hill" ghal tlett oggetti ghall-valur komplessiv ta' Lm24.43.

**(b)** Ghalkemm minn din l-ittra u minn din ir-ricevuta (irrispettivament, ghall-mument, jekk il-kontenut taghhom kienx sa dan l-istadju konfermat bil-gurament o meno) wiehed jista' forsi jghid li hemm ilment ta' "overcharging" – jekk wiehed ikun jaf kemm hu l-prezz ta' kull wiehed mit-tlett *items* indikati fl-ircevuta jista' b'semplici kalkolu matematiku, jghid li jekk ic-cifra ta' Lm24.43 hix korretta o meno – la minn din l-ittra (ta' Hill) u lanqas mill-ircevuta relattiva ma jista' jinghad li kien hemm xi ilment li l-medicini mibjugha ma kienux qed jigu registrati "in the daily register" (kif effettivament inharget it-tieni akkuza fl-avviz ta' inkjesta). Din il-Qorti ma tistax, ghalhekk, tifhem a bazi ta' liema kwerela (guramentata) jew rapport inharget l-akkuza li l-appellant naqas li jirregistra l-medicini mibjugha. Jista' jaghti l-kaz li l-Bord kellu xi "informazzjoni" minn x'imkien jew minn xi hadd fir-rigward ta' dan il-fatt; izda l-Bord certament ma setax jipprocedi fir-rigward ta' din l-akkuza kif effettivement ipproceda, u cioe` minghajr ma josserva l-procedura traccjata fir-regola 4 tal-A.L. 76/69.

**(c)** Isegwi, ghalhekk, li l-procedura kollha fir-rigward ta' din – it-tieni – akkuza, cioe` dwar nuqqas ta' registrazzjoni ta' medicini mibjugha kienet monka mill-bidu nett. F'dan is-sens l-ilmenti mmarkati bin-numri (**1**) u (**2**) aktar 'l fuq f'din is-sentenza huma ben fondati.

Minkejja dan, din il-Qorti kienet tkun preparata li xorta wahda tiehu konjizzjoni tar-rizultanzi processwali tal-inkjesta, u tezamina dawn ir-risultanzi fil-meritu, li kieku ma kienx ghall-fatt ta' kif giet kondotta l-inkjesta fl-ewwel seduta quddiem il-Bord li saret fl-14 ta' Lulju, 1999. Ghandu jigi precizat li <u>f'din</u> l-inkjesta (cioe` l-inkjesta li ghaliha jirreferi l-avviz ta' inkjesta datat 5 ta' Lulju, 1999), l-unika seduta li fiha instemghu xi "provi" kienet proprju dik tal-14 ta' Lulju, 1999 -- ara t-*transcript*, Red 24, fil-pratika

[5] Il-"cover note" ta' *The Times* (Red 7 fil-pratika) iggib id-data "28/2/98". L-ittra mibghuta mir-Registratur lill-appellant hija Red 9.

PB 5/99. Hemm *transcript* ta’ seduta ohra, tat-30 ta’ Settembru, 1999, li ghaliha attenda biss Mark Causon, u li pero` fiha, apparti minn xi punti legali li tqajjmu mill-avukata li kienet qed tiddefendi lil dan Causon, ma jirrizulta li nstemghu ebda provi[6]. L-ilment immarkat bin-numru (**3**) hu fis-sens li kien hemm nuqqas ta’ smigh xieraq ghax “ic-Chairman lanqas staqsa lill-indagat jekk riedx jixhed imma qabdu f’idejh u kwazi ordnalu biex jirrispondi”. Aktar il-quddiem fir-rikors ta’ appell tieghu, l-appellant ghandu zewg ilmenti ohra li jorbtu ma’ dan l-ilment. Dawn ser jigu ripordotti *verbatim*:

**“Illi kien hemm vjolazzjoni tal-ligi ghal dak li jipprovdi l-Artiklu [recte: regola] 13 ta’ l-istess regolamenti. L-Artiklu 13A jghid li x-xhieda ghandhom jigu migjuba u ezaminati mill-parti li tkun qed tipproducihom jew mill-Bord u bil-kontro-ezami tal-persuna indagata. Kif jirrizulta mill-atti, ix-xhieda kontra l-imputat kienu ittri li ntbaghtu minn barra li b’ebda mod ma gew prodotti biex ikunu jistghu jidentifikaw lix-xhud, jixhdu fil-presenza tieghu u jaghtu opportunita` ghal kontro-ezami ta’ l-ispizjar. Dan l-Artiklu ma jezentax lill-Bord milli jisma x-xhieda huwa in support tac-charge originali tenut kont tal-fatt illi l-espressjoni li juzaw ir-regolamenti hija ‘x-xhieda’. Huwa risaput anke fil-kamp civili li x-xhieda prodotti kontra persuna irid ikun hemm il-fakulta` effettiva ta’ kontro-ezami, haga li f’dawn il-proceduri giet negata bl-aktar mod assolut….Kien hemm ksur ta’ l-istess Artiklu 13B meta gie biex jixhed l-indagat. Jirrizulta manifest li x-xhieda ta’ l-indagat hija regolata bil-mod kif ghandha titmexxa. Ix-xhieda jigu ezaminati min-naha tal-indagat u kondotti minnu u mbaghad in-naha l-ohra taghmel il-kontro-ezami, f’dan il-kaz jirrizulta mill-atti li c-chairman ha l-mazz f’idejh u beda jmexxi hu l-istess mistoqsijiet u baqa ghaddej bix-xhieda kontinwament f’idejh stess mill-bidu sa l-ahhar. Jirrizulta wkoll illi l-ewwel mistoqsija li ghamel l-istess chairman kienet**

[6] *Transcript* iehor huwa dak tas-seduta tal-20 ta’ Ottubru, 1999; din is-seduta, pero`, tirreferi ghat-tieni inkjesta, cioe` dik li bdiet bl-avviz ta’ inkjesta datat 15 ta’ Ottubru, 1999, fejn l-akkuzi kienu ta’ “overcharging and breach of Code of Ethics”; pero`, kif diga spjegat, l-appell odjern ma jirrigwardax din it-tieni inkjesta.

**mistoqsija kapzjuza peress illi jirrizulta li mhux minnu li kien hemm diversi complaints kwazi kollha bil-gurament. Jirrizulta li kien hemm dokument wiehed biss mahluf minn S. Hill, minghajr isem.”**

Ghalkemm dan il-bran hu nieqes minn certu kjarezz ta’ espressjoni, din il-Qorti minghajr tlaqliq tghid li l-appellant ghandu ragun. Flok ma l-Bord mexa bi procedura akkuzatorjali (jew, kif solitament tissejjah bl-Ingliz, “the adversarial process”), huwa ghazel li jaddotta procedura eminentement inkwizitorjali li tmur kjarament kontra dak li tipprovdi r-regola 13 u kontra kull regola ta’ “fair hearing” kif mifhuma mill-qrati taghna. Huwa veru li l-proceduri quddiem il-Bord ma humiex strettament “proceduri gudizzjarji”, pero` l-legislatur, permezz tar-regola 13 kjarament ried li jinzammu l-istess regoli u l-istess “standards” jew livelli tal-proceduri gudizzjarji. In fatti dina r-regola, fil-paragrafi (a) u (b) taghha, tipprovdi hekk:

**Il-proceduri dwar inkjesta ikunu dawn li gejjin:- (a) Xhieda b’sustenn ta’ l-akkuza ghandhom ikunu prodotti u ezaminati mill-parti li tipproducihom jew fl-assenza taghha mill-Bord u kontro-ezaminati mill-ezercitant[7]; wara dan kull membru tal-Bord ikun jista’ jaghmel mistoqsijiet kif jidhirlu mehtieg. (b) Ix-xhieda tad-difiza ghandhom jinstemghu u f’kaz li l-ezercitant jixtieq jaghti x-xhieda tieghu, jista’ jaghmel hekk kemm il-darba x-xiehda tieghu tinghata qabel dik ta’ kull xhud li jkun ser jigi prodott minnu. Ix-Xhieda ghandhom ikunu ezaminati mill-ezercitant u kontro-ezaminati minn kull parti ohra fil-proceduri; wara dan kull membru tal-Bord ikun jista’ jaghmel mistoqsijiet kif jidhirlu mehtieg.**

Minn din id-disposizzjoni jidher car li l-legislatur ried li tigi segwita l-istess procedura bhal fil-qrati, kemm il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali kif ukoll dawk Civili. Jidher ukoll car (1) li l-kwerela, ghalkemm akkumpanjata b’dikjarazzjoni

[7] Ir-regola 2 tipprovdi li “F’dawn ir-regoli – “ezercitant” tfisser spizjar jew assistent spizjar registrat skond l-Ordinanza, u referenzi ghal ezercitant, dwar kull kwerela jew rapport jew kull proceduri, huma riferenzi ghall-ezercitant li kontra tieghu tkun mibghuta kwerela jew rapport”.

guramentata, ma hix fiha nnifisha bizzejjed bhala prova, izda din trid tigi sostnuta b'xhieda ("Witnesses in support of the charge shall be produced…", fit-test Ingliz tar-Regoli); (2) l-ezercitant ghandu jkollu d-dritt li jikkontroezamina kull xhud hekk prodott in sostenn ta' l-akkuza; (3) li l-ezercitant mhux obbligat li jixhed, izda jista' jaghzel li jaghmel hekk wara li jkunu ezawriti l-provi, permezz ta' xhieda, kontra tieghu. Din il-Qorti ssibha difficli tifhem kif u ghala l-Bord, li c-Chairman tieghu kien avukat, ghazel li jinjora dawn il-principji bazici tas-smigh xieraq u minflok beda, fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 1999, biex "jinterroga" taht gurament lill-appellant. In fatti jekk wiehed jaqra t-*transcript* ta' dak li gara fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 1999, isib li flok ma gew prodotti xhieda in sostenn tal-akkuzi, ic-Chairman tal-Bord mill-ewwel ghadda biex jamministra l-gurament lill-appellant u beda jaghmillu mistoqsija wara l-ohra dwar il-"complaints" li kienu ircevew. Anqas xhud wiehed ma gie prodott in sostenn ta' l-akkuzi, u l-unika prova jew provi li a bazi taghhom il-Bord seta' jiddeciedi kif effettivament iddecieda fis-16 ta' Dicembru, 1999 kien dak li l-appellant stess qal fil-kors ta' dan l-"interrogatorju". Fil-fehma tal-Qorti huwa rrelevanti li f'din is-seduta l-appellant kien assistit minn avukat li ma lissen anqas kelma wahda dwar din l-irregolarita` fil-procedura (kien biss fl-24 ta' Awissu, 1999 li l-imsemmi avukat kiteb lir-Registratur tal-Bord fejn fisser li l-klient tieghu kien qed jikkontesta bil-qawwa l-validita` tal-proceduri "mehuda mill-Bord taghkom, sia ghaliex imorru kontra l-ligi specifika…kif ukoll a bazi tal-ligijiet ohrajn li jipprotegu d-drittijiet ta' l-individwi" – ara Red 35 fil-pratika PB 5/99). Din l-irregolarita` hija tant fondamentali li tivvizja kompletament l-istess process u l-konsegwenti decizjoni taghha tal-Bord. Jinghad ukoll li f'xi zmien wara l-14 ta' Lulju, 1999 jidher li l-Bord irrealizza li kien mexa b'mod irregolari, tant li fl-10 ta' Awissu, 1999 ir-Registratur tal-Bord baghtet diversi ittri lill-"complainants" (kollha residenti fl-Ingilterra), inkluz lil "Mr. S. Hill M.B.E.", fejn jinghad, *inter alia*, hekk: *"Due to the principle of a right of fair hearing, the accused pharmacist has the right to cross examine your evidence. Your presence is therefore required during the inquiry"* – Red 28. Xi whud minn dawk kuntattjati b'dan il-mod qalu li ma setghux (jew ma ridux)

jigu lura Malta; ohrajn qalu li lesti li jigu Malta ghall-inkjesta basta li ma jkollomx ihallsu spejjez tal-vjagg u akkomodazzjoni f'Malta. Ebda wiehed jew wahda minnhom, izda, ma rrizulta li ngieb jew ingiebet Malta biex jaghti jew taghti d-deposizzjoni taghha in sostenn ta' l-akkuza.

Stabbilit dan, din il-Qorti ma tarax l-utilita` li tezamina aggravji ohra sollevati mill-appellant.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Ispizjara fis-16 ta' Dicembru, 1999 fil-konfront ta' l-istess appellant, b'liema decizjoni huwa kien instab hati ta' *overcharging* kif ukoll li ma rregistrax il-medicini skond il-ligi u gie kkundannat sena sospensjoni mix-xoghol ta' spizjar "billi ismu jinqata' mir-Registru ta' l-Ispizjara b'effett immedjat", u minflok tehles lill-istess appellant minn kull responsabbilta`, htija u piena. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati kollha mill-appellat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------